MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 812/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Carmen sive Carol Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm372.89) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta in kwantu ghal Lm288.12 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9943 2955 u r-rimanenti Lm84.77 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9940 3367.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet

mid-data meta l-amont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment l-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm372.89), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------